TERZ'ORDNI

# Laqgħat ta' Formazzjoni

## *Skema 1*

**minn P. Charlò Camilleri, O.Carm.**

Ir-Regola tat-Terz'Ordni Karmelitan Sekulari tamar lill-imsieħba fit-Terz'Ordni Karmelitan (TOK) sabiex jiltaqgħu regolarment għal-laqgħa tal-Fraternità li fiha kull Karmelitan Sekulari għandu "jsib sostenn għall-mixja spiritwali" (Regola 42). Ir-Regola tkompli billi tispeċifika li l-ħajja fit-TOK "trid tiddi bħala sempliċi u ġenwina; kull komunità għandha tkun fuklar tal-aħwa, li fiha kull wieħed iħossu f'daru, milqugħ, magħruf, apprezzat, imħeġġeġ fit-triq, kultant imwiddeb bi mħabba u attenzjoni." (Regola 43). U għaliex it-Terzjarji huma msejħin biex "jimpenjaw ruħhom ħalli jaħdmu flimkien mal-membri l-oħra tal-Familja Karmelitana u mal-Knisja kollha, sabiex din twettaq is-sejħa tagħha missjunarja f'kull sitwazzjoni u kondizzjoni." (Regola 43). Fi żminijietna, bit-tiġdid tat-Teoloġija dwar il-Knisja u s-sejħa Nisranija fiha għall-qdusija, nippreferu nitkellmu minn Ordni Karmelitan Sekulari (OKS) iktar milli TOK. Dan sabiex juri iktar il-verità li kull imsieħeb huwa Karmelitan bis-sħiħ. Għaldaqstant, ir-Regola tinsisti li l-kandidati jissieħbu għax hemm sejħa, hemm vokazzjoni. Hija u tispjega r-rabta mal-Karmelu mbagħad titkellem minn konsagrazzjoni. Dan jurina li t-terzjarju mhuwiex biss devot tal-Madonna tal-Karmnu. Iktar minn hekk huwa Karmelitan skont l-istat sekulari tiegħu jew tagħha u jintrabat mal-Ordni bil-Professjoni wara snin ta' formazzjoni. Għaldaqstant, dan kollu jitfa' fuq kulħadd ir-responsabbiltà li jifforma ruħu sewwa u jaħsibha sewwa qabel jitlob li jissieħeb. Ir-responsabbiltà wkoll taqa' fuq il-Moderaturi, l-Assistenti Spiritwali u l-Kunsilli tal-Fraternitajiet sabiex jaċċettaw biss fi ħdanhom persuni li huma verament imsejħin għall-ħajja u l-Kariżma Karmelitana. Għal min hu devot tal-Madonna tal-Karmnu hemm il-Kitba fil-Konfraternità tal-Labtu tal-Madonna tal-Karmnu.



B'dan quddiem għajnejna u b'xewqa għal tiġdid fil-fraternitajiet kollha, f'dan il-perjodiku Il-Karmelu se nibdew sensiela ta' skemi għal-laqgħat ta' Formazzjoni sabiex tintuża fil-Fraternitajiet u fil-Fergħat skont l-indikazzjonijiet tal-Provinċjal f'konsultazzjoni mal-Assistenti Spiritwali, il-Moderaturi u l-Kunsill Provinċjali tat-Terz'Ordni mal-Assistent Spiritwali Provinċjali.

Illum nagħtu ħarsa lejn l-istruttura bażika li għandu jkollha Fraternità OKS. Il-Fraternitajiet huma mħeġġa sabiex jaraw li josservaw din l-istruttura u jistudjaw ir-Regola u l-Istatuti li jiddeterminaw din l-istruttura.

### L-Istruttura tal-Fraternità

Kull Fraternità OKS hija magħmula mill-membri li huma mmexxija mill-uffiċjali li huma: l-Moderatur jew Moderatriċi, li għandu jkollu wkoll Kunsill. Kull Fraternità għandu jkollha Segretarju u Teżorier jew Ekonomu. Kull Fraternità mbagħad għandha l-Assistent Spiritwali li għandu jkun Reliġjuż jew Reliġjuża fl-Ordni, Qassis Djoċesan li huwa

15/02/2023, 07:54 Il-Karmelu



Karmelitan Sekulari. Tajjeb li jkun ukoll membru responsabbli mill-Formazzjoni tal-kandidati ġodda. L-uffiċjali jiġu eletti mill-membri tal-Fraternità professi fl-Assemblea Ġenerali. Dwar il-professjoni nitkellmu f'ħarġa oħra. Din l-istruttura għandha tiġi rispettata għax tiggarantixxi l-funzjonament tal-Fraternità.

Il-laqgħa tal-Fraternità għandha ssir fid-dawl ta' dan il-qari:

- Atti 2:42
- Ir-Regola OKS, 58-66
- Statuti OKS Malta, 15-17; 44-55.

## L-istruttura tal-Laqgħa

Il-Laqgħa tal-Fraternità għandha wkoll struttura bażika (Statuti 15a) li tajjeb tiġi rispettata. Hawnhekk qegħdin nagħtu forma ta' struttura kif ġeneralment għandha ssir fil-Fraternitajiet:

1. Talb tal-Bidu tal-Laqgħa
2. Qari tal-minuti mis-segretarju
3. Taħdita mill-Assistent fuq ir-Regola u/jew temi oħra ta' formazzjoni Karmelitana
4. Diskussjoni
5. Avviżi mill-Moderatur
6. Talb tal-għeluq tal-Laqgħa

Tkun ħaġa sabiħa li dakinhar tal-laqgħa l-membri jiltaqgħu flimkien għar-Rużarju flimkien u l-Quddiesa u jiċċelebraw it-Tifħir ta' Sbieħ il-Jum jew l-Għasar flimkien u jiddedikaw ħin għas-soċjalizzazzjoni flimkien. Dan jgħaqqad lill-membri fit-tisħiħ tar-relazzjonijiet fraterni bejn il-membri.

**Kompetizzjoni:** Ir-rebbieħa tal-ħarġa ta' Ottubru-Diċembru 2019 hija:
Ms. Marica Zammit minn Ħaż-Żebbuġ.

## L-esperjenza tiegħi bħala Terzjarju Karmelitan

Wara li rriflettejt fil-fond dwar is-sehem ta' Marija fil-pjan tal-Fidwa u l-imħabba tagħha lejna l-bnedmin, ħassejt li għandi nsir iżjed devot ta' Sidtna Marija u nieħu l-Fidi tiegħi b'iżjed serjetà. Kont ilni s-snin nilbes il-Labtu Mqaddes (iż-żgħir), ngħid bid-devozzjoni r-Rużarju, niffrekwenta s-Santwarju Bażilika tal-Karmnu tal-Belt u nattendi xi ċelebrazzjonijiet marjani. U meta skoprejt li fil-Parroċċa tal-Gżira hemm grupp ta' Terzjarji Karmelitani, ħassejt li l-pass li jmiss kien li niddixxerni, bħala żagħżugħ miżżewweġ, jekk din li nkun Terzjarju Karmelitan kinitx il-vokazzjoni tiegħi. Laqatni ħafna l-aspett sekulari tat-Terzjarji (... fid-dinja imma mhux tad-dinja).

Issa, wara aktar minn sena li ilni nattendi l-laqgħat ta' kull xahar, qiegħed ninduna kemm għadni fil-bidu fit-triq tal-Karmelu. Ma kont naf xejn fuq il-*Lectio Divina* kif jitolbuha l-Karmelitani (u għadni niskopri din il-ġawhra bil-mod il-mod), u ma kontx familjari mar-Regola ta' San Albert u mal-istorja tal-Karmelitani. Issa, li ftit xhur ilu rċevejt il-Labtu l-kbir, ninsab ħerqan ħafna nkompli din il-mixja bl-għajnuna ta' Alla l-imbierek u ta' Ommna l-għażiża.

Inħeġġeġ lil kull min jaqra dawn il-kelmtejn biex fit-talb tiegħu jiftakar fit-Terzjarji Karmelitani ħajjin u mejtin.

**Matteos Galea, 28 sena**

# Kalendarju tal-Qaddisin Karmelitani

**Jannar**
20: Beatu Anġlu Paoli, Saċerdot
29: Beata Arkanġela Ġirlani, Verġni

**Frar**
1: Beata Candelaria ta' San Ġużepp, Verġni

**Marzu**
19: San Ġużepp, Protettur prinċipali tal-Ordni Karmelitan
20: Beatu Franġisk ta' Ġesù Marija Ġużeppi, Saċerdot



https://fliphtml5.com/bookcase/exfz 2/2